# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 t'Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 25**

**Rikors Numru : 403/2012/JPG**

**Raymond u Anna konjugi Meilak**
**I.D. 33860M u I.D. 399862M rispettivament**

**-vs-**

**Henry u Maria Annunzjata konjugi Depasquale I.D. 385944M, u I.D. 390348M rispettivament u Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors tar-rikorrenti tal-20 t'April 2012 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk :

*"Illi l-intimati ppromuovew rikors ghall-bejgh gudizzjarju (nru. 66/10) kontra l-esponenti tal-fond tal-esponenti Appartament 6, Block A, Verde Mare Estates, Block 17, Triq il-Wizna Swieqi, limiti ta, bejn San Giljan u Birkirkara, kollox kif jidher mill-annessa kopja tal-imsemmi rikors promotur hawn immarkat DOK A.*

*Illi kif jidher mir-rikors promotur imsemmi, dan inhareg kontra l-esponenti bis-sahha ta, kreditu kanonizzat b'sentenza ta, din l-Onorabbli Qorti (Cit.no. 1166/07/GV) fl-ismijiet Henry Depasquale et vs Benedetta Meilaq et tal-4 ta' Awwissu 2008, fejn allegatament l-esponent Raymond Meilak, flimkien ma, ommu u it-tlett hutu gew ikkundannati solidalment bejniethom bhala werrieta fir-rigward ta' kreditu tal-intimati pretiz fl-imsemmij a kawza naxxenti minn self li allegatament sar lil Joseph Meilak missier l-imsemmi Raymond Meilak, u ghalhekk bhala werriet tal-imsemmi missieru.*

*Illi attwalment ma hemm l-ebda sentenza fl-ismijiet imsemmija fir-rikors promotur kif intqal li inghatat fl-4 ta' Awwissu 2008, izda semmai tali sentenza kienet tad-9 ta' Lulju 2008, u ghalhekk biss il-proceduri tal-bejgh gudizzjarju fuq imsemmi b' irkant huma nulli.*

*Illi l-esponent Raymond Meilak flimkien ma' hutu kienu irrinunzjaw ghas-successjoni ta' missierhom Joseph Meilak, u dan kif jirrisulta mill-anness DOK B, u ghalhekk sentenza fil-konfront taghhom ghal xi dejn naxxenti mill-wirt ta' Joseph Meilak huwa inesegwibbli.*

*Illi in oltre l-esponenti prezenzjalment qed jikkontestaw il-validita' ossia awtenticita' tan-notifiki tal-esponenti, dawk ta' omm l-esponent Raymond Meilak, Bendetta kif ukoll dik ta' hutu fil-kawzali permezz taghha gie kanonizzat il-kreditu pretiz mill-intimati kif intqal fuq.*

*Illi l-esponenti b' rikors taghhom tas-16 ta' Novembru 2010 fl-atti tal-bejgh b' irkant 66/07 fuq imsemmi kienu talbu il-waqfien tal-bejgh kif propost ghar-ragunijiet hemm moghtija u hawn imsemmija, izda ukoll ghaliex il-fond li tieghu kien qed jintalab il-bejgh b' irkant huwa proprieta' tal-esponent Raymond Meilak in komun ma' l-esponenti Anna Meilak, li ma kienet qatt involuta f' kawza mal-intimati, u wisq inqas ma' hi werrietata' Joseph Meilak.*

*Illi b' rikors iehor fl-istess atti ta'bejgh b' irkant fil-21 ta' Frar 2011 l- esponenti regghu talbu is-sospensjoni tal-bejgh b' irkant, u dan ghaliex din l-Onorabbli*

*Qorti ma kienitx indirizzat l-ilmenti tal-esponenti, u naqset milli tadopera il-provvedimenti tal-Artikolu 326(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi b' digriet Taghha tat-3 ta' Awwissu 2011 fl-atti tal-istess bejgh b'irkant, din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talbiet tal-esponenti u filwaqt li laqghet it-talba tal-intimati ghar-riappuntament tal-bejgh b' irkant ordnat li dan jsir biss fil-konfront ta' nofs (½) sehem indiviz tal-fond in vendita imsemmi u stabbiliet il-valur tal-istess fond ghall-finijiet ta' stima, kif jirrisulta.*

*Illi il-bejgh ta' nofs indiviz tal-fond proprieta' tal-esponenti, huwa appuntat ghall-20 ta' Marzu 2012 u l-esponent Raymond Meilak intavola rikors fl-atti tal-bejgh b' irkant fuq imsemmi (66/2010) fit-13 ta' Marzu 2012 ghas-sospensjoni tal-bejgh ghar-ragunijiet kif ahjar jirrisultaw mill-istess rikors, fejn in oltre ghar-ragunijiet moghtija qabel mill-esponenti fil-proceduri precedenti, jirrilevaw li il-provvedimenti tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Awwissu 2011 imsemmi fejn allura il-Qorti ordnat il-bejgh biss ta' nofs (½) indiviz tal-fond tal-esponenti, minflok kif mitlub, ma hux rifless fin-Nota ta' Insinwa mitlub mill-Artikolu 306 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ma saret l-ebda korrezzjoni jew zieda tal-istess registrazzjoni. Dan bla hsara ghal fatt jekk varjazzjoni ta' din in-natura u konsegwenti stima mill-Qorti, hix valida skond il-ligi*

*Illi minkejja id-Digriet tat-3 ta' Awwissu 2011, l-esponenti Anna Meilak baqghet sallum tissejjah bhala debitrici fl-atti tal-bejgh b'irkant, u tinsab hekk registrata fin-nota ta' l-insinwa ai termini tal-Artikolu 306 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ghar-ragunijiet kollha fuq premessi l-atti tal-bejgh b' irkant numru 66/2010 fl-ismijiet Henry Depasquale et vs Raymond Meilak et, huma irriti u nulli.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tiddeciedi li is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Lulju 2008, hija nulla ghaliex ivvizjata minn difetti fin-notifika tal- konvenuti fosthom l-esponent Raymond Meilak, kif intqal fuq;*

2) *Tiddeciedi li f'kull kaz l-istess sentenza ma taghmilx stat kontra l-esponenti u mhix esegwibbli fil-konfront taghhom ghaliex dawn mhumiex werrieta tal-mejjet Joseph Meilak, u Anna Meilak lanqas ma hi parti fl-istess kawza, kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

3) *Tiddeciedi li l-atti tas-subbasta numru 66/2010 fl-ismijiet Henry Depasquale et vs Raymond Meilak et, huma irriti u nulli ghar-ragunijiet kollha jew min minnhom kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimati li jibqghu ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Henry u Maria Annunziata konjugi Depasquale tat-3 ta' Mejju 2012 (a fol. 21 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi l-proceduri odjerni huma guridikament improponibbli stante li ladarba jghaddi t-terminu ta' l-appell sentenza ssir rez judicata u hija biss permezz ta' procedura ta' ritrattazzjoni f'kazijiet eccezzjoni illi sentenza tista' tigi attakkata. Il-kawza odjerna mhix wahda ta' ritrattazzjoni;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju m'hemmx integrita' ta' gudizzju ghaliex se mai, anke kieku l-azzjoni odjerna kienet proponibbli, kellhom jigu citati l-partijiet kollha involuti fil-kawza li tat lok ghas-sentenza li qed tigi attakata;*

3. *Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu ghandu jinghad illi l-atturi kellhom kull opportunita' jeccepixxu li m'humiex l-eredi tal-mejjet Joseph Meilaq tul il-kawza deciza fid-9 ta' Lulju 2008. Nonostante li gew debitament notifikati skond il-ligi pero huma baqghu kontumaci ;*

4. *Illi in oltre l-atturi se mai kellhom kull opportunita' jintavolaw proceduri ta' retrattazzjoni jew proceduri sabiex jattakkaw il-proceduri tas-subasta permezz*

*ta' kawza qabel ma saret il-liberazzjoni. Pero l-atturi regghu stennew xahar wara l-liberazzjoni sabiex jintavolaw din il-kawza.*

5. *Illi finalment irid jinghad ukoll illi l-allegata rinunzja ghall-wirt li kopja taghha giet esebita mar-rikors gurament saret biss fil-mori tal-kawza li qed tigi attakkata f'dawn il-proceduri u ghalhekk zgur wara li kien diga ddekorra t-terminu ta' tlitt xhur skont l-artikolu 869 tal-Kap. 16.*

6. *Illi m'hemmx ragunijiet sabiex tigi dikjarata nulla s-subasta 66/10 liberata fl-20 ta' Marzu 2012.*

7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali tad-29 ta' Mejju 2012 ( a fol. 25 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tal-eccipjenti stante li l-azzjoni giet intavolata kontra entita', ossia ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali, li ma huwiex aktar kontemplat fil-Ligi, u ghalhekk l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz u bla ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti assolutament mhuwiex il-legittimu kontradittur u gie traxxinat f'dawn il-proceduri bla ebda bzonn u kwindi ghandu jigu lliberat mill- osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.*

3. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-konfront tal-eccipjenti, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali jirrileva illi huwa jirrimetti ruhhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti, b'dan illi jirrileva li huwa m'ghandu jbghati ebda spejjez.*

5. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali tad-29 ta' Mejju 2012 (a fol. 26);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talbiet illi ghandha quddiemha din il-Qorti huma is-segwenti:

1. Talba sabiex din il-Qorti tiddikjara nullita' tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 minhabba difetti fin-notifika ta' Raymond Meilak martu u hutu;
2. Dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li tali sentenza ma taghmilx stat kontra l-konjugi Meilak ghaliex m'humiex werrieta ta' Joseph Meilak;
3. Dikjarazzjoni li l-atti tas-subbasta 66/2010 huma rriti u nulli.

Din il-Qorti tghaddi biex tezamina kull wahda minn dawn it-talbiet.

Mill-provi prodotti - b'mod specjali ghall-atti annessi, cioe' l-atti tar-rikors 1166/2007 GV, jirrizulta illi kien gie kanonizzat kreditu dwar self da parti ta' Joseph Meilak illi jigi missier Raymond Meilak, kontra Raymond Meilak, flimkien ma hutu, cioe' Herman, Christopher Meilak u Veronica Tabone u Bernardette Meilak, u dana bhala werrieta ta' Joseph Meilak – Vide sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, kif jidher minn fol. 38 sa 40, u fol. 73, 123 u 69 tal-atti fuq citati. Din s-sentenza giet pronunzjata fuq kontumaci tal-intimati kollha, inkluz Raymond Meilak, hutu u l-armla tal-istess Joseph Meilak.

Insegwitu ta' din is-sentenza, l-konjugi Depasquale, inizjaw proceduri ta' subbasta 66/2010 u ghazlu li jipprocedu **biss** kontra Raymond Meilak u martu.

Raymond Meilak ghamel diversi tentattivi sabiex jwaqqaf is-subbasta u sabiex jottieni t-thassir tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, u dana kif jidher mid-digriet tal-Onorabbli Qorti Imhallef Dr. Giannino Caruana Demajo tas-7 ta' Dicembru 2010 - Vide fol 12 u 25 tal-atti tas-subbasta 66/2010; id-digrieti tal-15 ta' Lulju u tat-28 ta' Lulju 2011 u tat-3 t'Awwissu 2011 pronunzjati mill-Imhallef Anthony Ellul - Vide fol. 81, 91 u 92 tas-subbasta 66/2010, fejn gew michuda t-talbiet ta' Raymond Meilak et, ghan-nullita' tas-sentenza, kif ukoll ghal waqfien tal-proceduri tal-istess subbasta, izda gie protett is-sehem ta' nofs indiviz tad-dar matrimonjali appartenenti lill-Anna Meilak.

Ghalhekk l-azzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hija inproponibbli u dana 'l ghaliex il-konjugi Meilak, hekk kif ndunaw bl-ezistenza tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, ma hadux il-passi necessarji sabiex jintavolaw proceduri ta' ritrattazzjoni.

Il-Qorti tifhem li jekk ir-rikorrenti ma kienux jafu bl-esistenza tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 certament ma setghux jinterponu appell fit-termini legali.

Illi din il-Qorti, in vista tal-mankanza ta' proceduri ta' ritrattazzjoni, ghandha idejha marbuta u hija prekluza milli takkorda rimedju mitlub, liema rimedju setgha jinghata mill-Qorti kompetenti fir-ritrattazzjoni. Infatti l-Artikolu 823 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> ***"823. (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.***
>
> ***(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza jekk -***
> ***(a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija flartikolu***
> ***266(10); u***

> ***(b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.***
>
> ***(3) Il-garanzija msemmija fis-subartikolu (2)(a), meta tingħata, għandha fil-każijiet kollha taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew priġunerija tad-debitur.***
>
> ***(4) Il-preżentata tar-rikors li jkun fih it-talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandhiex taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' dik is-sentenza kemm-il darba, wara rikors f'dak is-sens, il-qorti ma tordnax għal raġuni tajba dak ittwaqqif ta' esekuzzjoni.***
>
> ***(5) Meta l-esekuzzjoni ta' sentenza tkun ġiet awtorizzata bis sentenza attakkata ma għandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4).***
>
> ***(6) Appell minn sentenza li tiċħad it-talba għat-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandu f'ebda każ jaħdem bħala twaqqif tal-esekuzzjoni ta' din l-aħħar sentenza."***

In oltre t-terminu legali sabiex jigi ntavolat il-procedura idonea ghar-ritrattazzjoni skada u ghaldaqstant mhuwiex il-kaz fejn din il-Qorti tista' b'xi modd takkorda s-sospenzjoni tas-subbasta biex jigu inizjati tali proceduri ta' ritrattazzjoni.

Jirrizulta in oltre li Joseph Meilak miet fis-26 ta' Settembru 2007 – Vide certifikat tal-mewt a fol. 16 tas-subbasta 66/2010. L-atti juru ukoll, illi l-konjugi Raymond u Anna Meilak **irrinunzjaw ghal wirt ta' Joseph Meilak biss fit-12 ta' Frar 2008 – Vide fol. 15** tal-atti tas-subbasta 66/2010 – u ghalhekk <u>**wara**</u> **l-iskadenza tal-perjodu** ndikat ghal dan il-ghan skond l-Artikolu 869 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 taghmel stat fil-konfront ta' Raymond Meilak u hutu.

In vista ta' dana kollu l-Qorti ma taghrax l-utilita' li tezamina l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konjugi Depasquale. Din il-Qorti di piu' taghraf illi l-inezattezzi fis-subbasta 66/2010 lamentati mill-konjugi Meilak ma jimpurtawx maghhom piena ta' nullita' u jistghu jigu korretti.

Illi ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali, l-Qorti tqis illi apparti l-izball ta' nomenklatura, li hija facilment sanabbli, d-Direttur mhuwiex il-legittimu kontradittur u kwalunkwe korrezzjonijiet illi setghu kienu mehtiega, setghu isiru b'ordni ta' din il-Qorti fuq talba tal-partijiet.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talbiet ta' Raymond u Anna konjugi Meilak, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Henry u Maria Annunziata konjugi Depasquale, u tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra, u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, waqt li tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess Direttur.

Bl-ispejjez kontra Raymond u Anna konjugi Meilak.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**